



Brussell, 21 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

EUCO 43/24

CO EUR 37
PV/CO EUR 25

MINUTI

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (24 u 25 ta' Marzu 2022)

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, kif jinsabu f'dan id-dokument, u ddeċieda li jippubblikahom.

WERREJ

Paġna

1.	Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Istati Uniti	3
2.	Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew	3
3.	Adozzjoni tal-aġenda	3
4.	Aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna	3
5.	Sigurtà u Difiża	4
6.	Enerġija	4
7.	Kwistjonijiet ekonomiċi	4
8.	COVID-19	4
9.	Relazzjonijiet Esterni	4
10.	Elezzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew	5
11.	Adozzjoni tal-konklużjonijiet	5

1. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Istati Uniti

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President tal-Istati Uniti, Joseph Robinette BIDEN, Jr, dwar il-kooperazzjoni tranżatlantika fil-kuntest tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

2. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew sema' lill-President tal-Parlament Ewropew.

3. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill Ewropew adotta l-aġenda tiegħu kif tinsab fid-dokument EUCO 2/22.

4. Aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju informali ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna, Volodymyr ZELENSKYY, permezz ta' kollegament bil-video.

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-appoġġ politiku, finanzjarju, materjali u umanitarju li l-Unjoni Ewropea tipprovdi b'mod ikkoordinat lill-Ukrajna. Qabel li jiżviluppa Fond Fiduċjarju ta' Solidarjetà għall-Ukrajna.

Wara l-adozzjoni ta' sanzjonijiet sinifikanti kontra r-Russja u l-Belarussja, il-Kunsill Ewropew jibqa' lest li jagħlaq il-lakuni u jindirizza ċ-ċirkomvenzjoni attwali u possibbli, kif ukoll li jimxi malajr b'aktar sanzjonijiet robusti kkoordinati. Il-Kunsill Ewropew appella lill-pajjiżi kollha biex jallinjaw ruħhom mas-sanzjonijiet tal-UE.

Il-Kunsill Ewropew għaraf l-isforzi kollha li diġà saru biex jintlaqgħu r-refuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna, u stieden lill-Kummissjoni tiegħu kwalunkwe inizjattiva meħtieġa biex tiffaċilita tali sforzi.

5. Sigurtà u Difiża

Il-Kunsill Ewropew approva l-Boxxla Strateġika u stieden lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. Huwa ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni.

6. Enerġija

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u kif għandhom jiġu indirizzati. Huwa ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni.

7. Kwistjonijiet ekonomiċi

Il-Kunsill Ewropew ipprovda gwida dwar is-Suq Uniku tal-UE u indirizza ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel u s-sigurtà globali tal-ikel. Huwa ddiskuta l-oqsma ta' prijoritajiet tal-politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet.

8. COVID-19

Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-isforzi ta' koordinazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u evalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-governanza tas-saħħa globali u s-solidarjetà. Huwa ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni.

9. Relazzjonijiet esterni

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-relazzjonijiet maċ-Ċina fil-kuntest globali l-ġdid u ħejja s-Summit bejn l-UE u ċ-Ċina. Indirizza wkoll l-kriżi politika fit-tul fil-Bożnija-Ħerzegovina.

10. Elezzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew

Il-Kunsill Ewropew adotta d-deċiżjoni biex is-Sur Charles MICHEL jerġa' jiġi elett President tal-Kunsill Ewropew għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sat-30 ta' Novembru 2024 (id-dokument EUCO 19/22).

11. Adozzjoni tal-konklużjonijiet

Il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet, li jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet tiegħu, kif jinsabu fid-dokument EUCO 1/22.
